Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Ġunju 2016**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0172 (COD)**

**9965/16**
**ADD 1**

**MAR 162**
**CODEC 848**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Ġunju 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 371 final |
| Suġġett: | ANNESSI ta' [...] DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' laneċ ro-ro u bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 371 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 371 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2016
COM(2016) 371 final

ANNEXES 1 to 4

# ANNESSI

**ta' [...]**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' laneċ ro-ro u bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE**

*ANNESS 1*

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-VAPURI F'SERVIZZ REGOLARI**

(kif imsemmijin fl-Artikoli 3 u 5)

Dan li ġej għandu jkun verifikat:

1. li l-kaptan ikun provdut b'informazzjoni xierqa dwar id-disponibilità ta' sistemi ta' tmexxija navigazzjonali bbażati fuq il-kosta u skemi oħrajn ta' informazzjoni li jgħinuh fit-tbaħħir bla perikolu tal-vjaġġi, qabel ma l-lanċa ro-ro jew il-biċċa tal-baħar tal-passiġġieri b'veloċità għolja tibda tbaħħar, u li jagħmel użu minn skemi ta' tmexxija navigazzjonali u ta' informazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri;

2. li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafi 2 sa 6 taċ-Ċirkolari 699/ MSC tas-17 ta' Lulju 1995 "Linji gwida riveduti għal struzzjonijiet ta' sikurezza tal-passiġġieri" jiġu applikati;

3. li jitpoġġa elenku bl-arranġamenti ta' xogħol abbord il-vapur f'post aċċessibbli b'mod faċli, u li jkun fih:

   (a) l-iskeda tas-servizz fuq il-baħar u tas-servizz fil-port, u

   (b) is-sigħat massimi ta' xogħol jew is-sigħat minimi ta' serħan meħtieġa għal dawk li joqogħdu għassa;

4. li l-kaptan ma jinżammx milli jieħu kwalunkwe deċiżjoni, li fil-ġudizzju professjonali tal-kaptan tkun meħtieġa għan-navigazzjoni u operazzjoni mingħajr periklu, b'mod partikolari f'maltemp kbir u f'ibħra qawwijin;

5. li l-kaptan iżomm rekord tal-attivitajiet u tal-inċidenti navigazzjonali li huma ta' importanza għas-sikurezza tan-navigazzjoni;

6. li kull ħsara, jew kull liwja permanenti fil-bibien tal-qoxra u tal-pjanċi assoċjati tal-qoxra li jistgħu jaffettwaw l-integrità tal-lanċa jew tal-biċċa tal-baħar, u kull nuqqas fl-arranġamenti tal-imblukkar ta' dawn il-bibien, għandhom jiġu rrapportati minnufih kemm lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera kif ukoll lill-Istat tal-port u għandhom jissewwew minnufih għas-sodisfazzjon tagħhom;

7. li jkun disponibbli pjan aġġornat tal-vjaġġ qabel it-tluq tal-lanċa ro-ro jew tal-biċċa tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri fuq il-vjaġġ tagħha. Waqt li jkun qed jitħejja l-pjan tal-vjaġġ, għandhom jiġu kkunsidrati bis-sħiħ il-linji gwida stabbiliti fir-Riżoluzzjoni A.893(21) tal-Assemblea tal-OMI tal-25 ta' Novembru 1999 "Linji gwida għall-ippjanar ta' vjaġġi" ;

8. informazzjoni ġenerali dwar is-servizzi u l-assistenza disponibbli għall-persuni anzjani jew għall-persuni b'diżabbilità abbord tingħata lill-passiġġieri u tkun disponibbli f'format xieraq għal persuni li jbatu biex jaraw.

*ANNESS 2*

**PROĊEDURI GĦALL-ISPEZZJONIJIET**

(kif imsemmijin fl-Artikoli 3 u 5)

1. L-ispezzjonijiet għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti statutorji maħruġa minn jew f'isem l-Istat tal-bandiera, b'mod partikolari dawk relatati mal-kostruzzjoni, is-suddiviżjoni u l-istabbilità, il-makkinarju u l-installazzjonijiet elettriċi, it-tagħbija, l-istabbilità, il-protezzjoni kontra n-nirien, in-numru massimu ta' passiġġieri, l-apparat tas-salvataġġ u l-ġarr ta' oġġetti perikolużi, ir-radjukomunikazzjonijiet u n-navigazzjoni huma ssodisfati. L-ispezzjonijiet għandhom jinkludu għal dak il-għan:

- l-istartjar tal-ġeneratur ta' emerġenza,
- spezzjoni tad-dawl ta' emerġenza,
- spezzjoni tas-sors ta' enerġija ta' emerġenza għall-installazzjonijiet tar-radju,
- test tas-sistema li biha jiġi indirizzat il-pubbliku,
- taħriġ kontra n-nirien, inkluża dimostrazzjoni tal-ħila li jintuża lbies ta' dawk inkarigati mit-tifi tan-nar,
- it-tħaddim tal-pompa tan-nar ta' emerġenza b'żewġ manki mqabbdin mal-linja maġġuri tan-nar li tkun qiegħda tiġi mħaddma,
- l-ittestjar tal-kontrolli ta' waqfien remot f'każ ta' emerġenza għall-provvista ta' karburanti għall-bojlers, magni ewlenin u awżiljari, u għall-fannijiet tal-ventilazzjoni,
- l-ittestjar tal-kontrolli remoti u dawk lokali għall-għeluq ta' regolaturi tal-arja għan-nar,
- l-ittestjar ta' sistemi ta' detezzjoni tan-nar u ta' allarm,
- l-ittestjar ta' jekk jingħalqux sew il-bibien li jirreżistu n-nar,
- it-tħaddim ta' pompi tas-sentina,
- l-għeluq ta' bibien tal-paratija li ma jidħolx ilma minnhom; kemm mill-pożizzjoni ta' kontroll lokali kif ukoll remota,
- turija li l-membri tal-ekwipaġġ ewlenin jafu dwar il-pjan ta' kontroll ta' ħsara,
- it-tniżżil ta' mill-inqas dgħajsa waħda tas-salvataġġ u ta' dgħajsa tas-sopravvivenza fl-ilma, it-tqabbid u l-ittestjar tas-sistema ta' propulsjoni u tal-isteering tagħhom, u l-irkuprar tagħhom mill-ilma għall-pożizzjoni tal-ħżin tagħhom abbord,

– il-kontroll li d-dgħajjes tas-sopravvivenza u d-dgħajjes tas-salvataġġ kollha jikkorrispondu għall-inventarju,

– l-ittestjar tal-apparat li jidderieġi l-vapur jew il-biċċa tal-baħar kif ukoll l-ittestjar tal-apparat awżiljaru li jidderieġi.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jinkludu l-verifika tas-sistema ta' manutenzjoni ppjanata abbord.

3. L-ispezzjonijiet għandhom jiffokaw fuq il-familjarizzazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ, u l-effiċjenza tagħhom fil-proċeduri tas-sikurezza, fil-proċeduri tal-emerġenza, fil-manutenzjoni, fil-prattiki tax-xogħol, fis-sikurezza tal-passiġġieri, fil-proċeduri f'każ ta' pontijiet u ta' operazzjonijiet relatati mat-tagħbija u mal-vetturi. Il-ħila tal-baħħara li jifhmu u, fejn xieraq, jagħtu ordnijiet u struzzjonijiet u li jirrapportaw lura fil-lingwa komuni tax-xogħol, kif imniżżla fil-ġurnal ta' abbord għandha tiġi vverifikata. L-evidenza dokumentata li membri tal-ekwipaġġ ikunu segwew taħriġ speċjali għandha tiġi vverifikata, b'mod partikolari fir-rigward ta':

– taħriġ dwar il-kontroll ta' folol,

– taħriġ ta' familjarizzazzjoni,

– taħriġ tas-sikurezza għall-persunal li jipprovdi assistenza diretta ta' sikurezza lil passiġġieri fi spazji tal-passiġġieri, u b'mod partikolari lil persuni anzjani jew b'diżabbilità f'emerġenza, u

– taħriġ fil-ġestjoni ta' kriżi u taħriġ fl-imġiba tal-bniedem.

L-ispezzjoni għandha tinkludi evalwazzjoni ta' jekk is-sistema ta' roster hijiex tikkawża għeja mhux raġonevoli b'mod partikolari għal persunal li joqgħod għassa.

4. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza tal-membri tal-ekwipaġġ li jaħdmu abbord vapuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

[1] Id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).

*ANNESS 3*

**PROĊEDURI BIEX JITWETTQU SPEZZJONIJIET MATUL SERVIZZ REGOLARI**

(kif imsemmi fl-Artikolu 5)

1. *Informazzjoni dwar il-passiġġieri*

Il-mezzi użati sabiex jiġi żgurat li ma jkunx inqabeż in-numru ta' passiġġieri li għalih il-lanċa ro-ro jew il-biċċa tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri (minn hawn 'il quddiem issir riferenza għaliha bħala "vapur") tkun iċċertifikata. Il-mezzi tar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni tal-passiġġieri jikkonformaw mad-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE[2]. Kif l-informazzjoni dwar in-numru totali ta' passiġġieri tingħadda lill-kaptan u, jekk xieraq, kif il-passiġġieri li jaqsmu darbtejn mingħajr ma jinżlu fuq ix-xatt għandhom jiġu inklużi fit-total għall-vjaġġ ta' ritorn.

2. *Informazzjoni dwar tagħbija u stabbilità.*

Li, fejn applikabbli, jiġu armati strumenti affidabbli ta' kejl tal-fond u li dawn jintużaw. Li jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-vapur ma jkunx mgħobbi żżejjed u li l-linja tat-tagħbija suddiviżorja xierqa ma tkunx taħt l-ilma. Li l-evalwazzjoni tat-tagħbija u tal-istabbilità tiġi mwettqa kif meħtieġ. Li vetturi tal-merkanzija u vetturi oħrajn li jġorru t-tagħbijiet jiġu mwieżna meta dan ikun meħtieġ u li l-figuri jingħaddew lill-vapur għall-użu fl-evalwazzjoni tat-tagħbija u tal-istabbilità. Li pjanijiet dwar kontroll tal-ħsara jkunu esibiti b'mod permanenti u li kotba żgħar li jkun fihom informazzjoni dwar il-kontroll tal-ħsara jiġu pprovduti lill-uffiċjali tal-vapur.

3. *Sigurtà għat-tbaħħir*

Il-proċedura sabiex jiġi żgurat li l-vapur huwa sigur għat-tbaħħir qabel ma jitlaq mill-irmiġġ, li għandha tinkludi proċedura ta' rapportar pożittiv li l-bibien tal-qoxra kollha li huma protetti kontra l-ilma u kontra t-temp huma magħluqin. Li l-bibien kollha tal-gverta tal-vetturi huma magħluqin qabel ma l-vapur jitlaq mill-irmiġġ jew jibqgħu miftuħin biss ħalli jkun hemm biżżejjed ħin sabiex tkun tista' tingħalaq il-viżiera tal-pruwa, l-arranġamenti ta' għeluq għall-bibien tal-pruwa, tal-poppa u tal-ġenb, u l-provvediment ta' dawl indikatur u sorveljanza televiżiva sabiex jiġi muri l-istatus tagħhom fuq il-pont tan-navigazzjoni. Kull diffikultà bit-tħaddim tad-dwal indikaturi, b'mod partikolari is-sswiċċ tal-bibien, għandha tiġi eżaminata u rapportata.

4. *Avviżi tas-sikurezza*

Il-forma tal-avviżi tas-sikurezza ta' rutina u l-impustar tal-istruzzjonijiet u tal-linji gwida dwar proċeduri f'każ ta' emerġenza fil-lingwi xierqa. Li l-avviż tas-sikurezza ta' rutina jsir fil-bidu tal-vjaġġ u li jkun jista' jinstema' fl-ispazji pubbliċi kollha, inklużi l-gverti tal-bastiment, li l-passiġġieri għandhom aċċess għalihom.

---

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).

5. *Entrati fil-ġurnal ta' abbord*

Eżami tal-ġurnal ta' abbord sabiex jiġi żgurat li jkunu qegħdin isiru l-entrati fir-rigward tal-għeluq tal-bibien tal-pruwa, tal-poppa u ta' bibien oħrajn li ma jidħolx ilma minnhom u li jipproteġu mit-temp, taħriġ dwar bibien tas-suddiviżjoni li ma jidħolx ilma minnhom, ittestjar ta' tagħmir tan-navigazzjoni, eċċ. Anke li qed jiġu rreġistrati l-pixki, il-bordijiet u l-istabbilità kif ukoll il-lingwa komuni ta' ħidma għall-ekwipaġġ.

6. *Oġġetti perikolużi*

Li kull tagħbija ta' oġġetti perikolużi jew li jniġġsu tinġarr b'mod konformi mar-regolamenti rilevanti u, b'mod partikolari, li tiġi pprovduta dikjarazzjoni dwar oġġetti perikolużi jew li jniġġsu flimkien ma' manifest jew pjan ta' stivar li juri fejn jinsabu abbord, li l-ġarr tat-tagħbija partikolari hija permessa fuq vapuri tal-passiġġieri, u li l-oġġetti perikolużi jew li jniġġsu jkunu immarkati, ittikkettati, stivati, protetti u segregati kif suppost.

Li vetturi li jġorru oġġetti perikolużi jew li jniġġsu jkollhom avviż xieraq u jkunu protetti. Li, meta jinġarru oġġetti perikolużi jew li jniġġsu, tkun disponibbli fuq ix-xatt, kopja tal-manifest jew tal-pjan ta' stivar rilevanti. Li l-kaptan ikun jaf bir-rekwiżiti ta' notifika skont id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u bl-istruzzjonijiet dwar il-proċeduri ta' emerġenza li jridu jiġu segwiti u bl-għoti tal-ewwel għajnuna jekk jinqala' xi inċident li jinvolvi l-oġġetti perikolużi jew li jniġġsu l-baħar. Li l-mezz ta' kif għandhom jiġu ventilati l-gverti tal-vettura jintuża f'kull ħin, jiġi miżjud meta l-magni tal-vetturi jkunu mqabbdin u li jkun hemm xi forma ta' indikazzjoni fuq il-pont biex juri li l-ventilazzjoni tal-gverta tal-vetturi tkun qiegħda taħdem.

7. *Irbit ta' vetturi tat-trasport tal-merkanzija*

Kif għandhom jiġu marbutin il-vetturi tat-trasport tal-merkanzija, pereżempju, jekk hux permezz ta' stivar fi blokok jew bi rbit individwali. Jekk ikunux disponibbli biżżejjed postijiet ta' rbit b'saħħithom. L-arranġamenti biex jiġu protetti vetturi tal-merkanzija meta jkun hemm jew ikun mistenni l-maltemp. Il-metodu ta' rbit għal kowċijiet u muturi, jekk ikun hemm. Li l-vapur ikollu manwal għall-protezzjoni tal-merkanzija.

8. *Gverti tal-vetturi*

Jekk spazji ta' kategoriji speċjali u ro-ro jkunux mgħassa jew sorveljati kontinwament minn sistema ta' kontroll televiżiva sabiex il-moviment ta' vetturi f'maltemp u d-dħul mhux awtorizzat ta' passiġġieri jkun jista' jiġi osservat. Li l-bibien u d-daħliet kontra n-nar jinżammu magħluqa u li jiġu mibgħuta avviżi sabiex il-passiġġieri jinżammu 'l bogħod mill-gverti tal-vetturi waqt li l-vapur ikun fuq il-baħar.

9. *Għeluq ta' bibien li ma jidħolx ilma minnhom*

[3] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

Li l-politika stabbilita fl-istruzzjonijiet operazzjonali tal-vapur għall-bibien suddiviżorji li ma jidħolx ilma minnhom tiġi segwita. Li jsir it-taħriġ meħtieġ. Li l-kontroll tal-pont għall-bibienli ma jidħolx ilma minnhom jinżamm, meta possibbli, fuq kontroll "lokali". Li l-bibien jinżammu magħluqin meta jkun hemm viżibilità ristretta jew f'kull sitwazzjoni perikoluża oħra. Li l-ekwipaġġ jingħata struzzjonijiet fir-rigward ta' kif għandhom jiġu operati l-bibien u li jkun jaf bil-perikli jekk ma jintużawx sew.

*10.* *Għassa għan-nar*

Għandu jiġi konfermat li tkun qiegħda tinżamm għassa effiċjenti ħalli jekk ikun hemm xi nar dan jiġi skopert immedjatament,. Din għandha tinkludi spazji ta' kategorija speċjali fejn ma jkunx hemm sistema fissa ta' detezzjoni tan-nar u tal-allarm billi dawn l-ispazji jistgħu jiġu mgħassa kif indikat fil-paragrafu 8.

*11.* *Komunikazzjonijiet f'emerġenza*

Li jkun hemm biżżejjed membri tal-ekwipaġġ b'mod konformi mal-lista tal-persunal biex jassistu lill-passiġġieri f'każ ta' emerġenza u li jkunu jistgħu jiġu identifikati malajr u li jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-passiġġieri f'każ ta' emerġenza, waqt li tiġi kkunsidrata kombinazzjoni xierqa u adegwata tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-lingwa jew lingwi xierqa għan-nazzjonalitajiet prinċipali tal-passiġġieri ttrasportati fuq rotta partikolari;

(b) il-probabbiltà li l-abbiltà li jintuża vokabularju elementari Ingliż għall-istruzzjonijiet bażiċi tista' tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni ma' passiġġier li jkollu bżonn ta' għajnuna kemm jekk il-passiġġier u l-membru tal-ekwipaġġ ikollhom lingwa komuni u kemm jekk le;

(c) il-ħtieġa possibbli li ssir komunikazzjoni waqt emerġenza permezz ta' xi mezzi oħrajn (eż. b'dimostrazzjoni, sinjali bl-idejn, jew billi tinġibed l-attenzjoni għal fejn ikunu jinsabu l-istruzzjonijiet, l-istazzjonijiet tal-ġemgħa, it-tagħmir tas-salvataġġ jew ir-rotot ta' evakwazzjoni meta komunikazzjoni verbali ma tkunx prattika);

(d) kemm mill--istruzzjonijiet tas-sikurezza kompluti jkunu ġew provduti lill-passiġġieri fil-lingwa jew lingwi nativi tagħhom;

(e) il-lingwi li fihom jistgħu jixxandru avviżi ta' emerġenza waqt emerġenza jew taħriġ sabiex tingħata gwida kritika lill-passiġġieri u sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-membri tal-ekwipaġġ waqt li dawn jassistu lill-passiġġieri.

*12.* *Lingwa komuni tax-xogħol bejn il-membri tal-ekwipaġġ*

Il-verifika li tiġi stabbilita lingwa tax-xogħol sabiex tiġi assigurata mġiba effettiva tal-ekwipaġġ fi kwistjonijiet ta' sikurezza u li din il-lingwa tax-xogħol tiġi rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tal-vapur.

*13.* *Tagħmir ta' sikurezza*

Li qed jinżammu strumenti ta' salvataġġ u ta' protezzjoni kontra n-nar, inklużi l-bibien ta' kontra n-nar u oġġetti oħrajn tal-ħarsien strutturali kontra n-nar li jistgħu jiġu spezzjonati malajr. Li jiġu esibiti pjanijiet ta' kontroll tan-nar b'mod permanenti jew li jiġu pprovduti kotba żgħar li jkun fihom l-informazzjoni ekwivalenti għall-informazzjoni tal-uffiċjali tal-vapur. Li l-istivar tal-ġkieget tas-salvataġġ ikun xieraq u li l-istivar ta' ġkieget tas-salvataġġ tat-tfal ikun jista' jiġi identifikat malajr. Li t-tagħbija ta' vetturi ma twaqqafx l-operazzjoni tal-kontrolli tan-nar, tat-tifi f'każ ta' emerġenza, tal-kontrolli għall-valvi tat-tempesti, eċċ, li jistgħu jkunu jinsabu fuq il-gverti tal-vetturi.

*14.* *Apparat tan-navigazzjoni u tar-radju*

Li l-apparat tan-navigazzjoni u tal-komunikazzjonijiet bir-radju, inklużi l-istazzjonijiet tar-radju li jindikaw il-pożizzjoni f'każ ta' emerġenza (SRJPE) jkunu jaħdmu.

*15.* *Dawl supplimentari ta' emerġenza*

Li jkun hemm dawl supplimentari ta' emerġenza, meta meħtieġ mir-regolamenti, u li jinżamm rekord tan-nuqqasijiet.

*16.* *Mezzi tal-evakwazzjoni*

Immarkar, b'mod konformi mal-ħtiġiet applikabbli, u t-tidwil, kemm mill-għajn prinċipali tal-enerġija kif ukoll minn dak tal-emerġenza, tal-mezzi tal-evakwazzjoni. Il-miżuri meħuda sabiex il-vetturi jinżammu 'l bogħod mir-rotot ta' evakwazzjoni meta l-mezzi tal-evakwazzjoni jaqsmu jew jgħaddu mill-gverti tal-vetturi. Li l-ħruġ, b'mod partikolari ħruġ minn ħwienet mingħajr dazju, li jkunu nstabu li kienu mblukkati minħabba eċċess ta' oġġetti, jinżammu liberi.

*17.* *Ktieb ta' operazzjonijiet*

Li jiġu pprovduti kopji tal-ktieb ta' operazzjonijiet lill-kaptan u lil kull uffiċjal superjuri u li kopji oħrajn jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-membri l-oħrajn kollha tal-ekwipaġġ. Barra minn hekk li jkun hemm listi ta' kontroll li jkopru l-preparazzjoni għall-operazzjonijiet tal-baħar u operazzjonijiet oħrajn.

*18.* *Indafa fil-kamra tal-magna*

Li l-kamra tal-magna tinżamm f'kondizzjoni nadifa fir-rigward tal-proċeduri ta' manutenzjoni.

*19.* *Rimi ta' żibel*

Li l-arranġament għall-irfigħ u r-rimi taż-żibel ikunu sodisfaċenti.

*20.* *Manutenzjoni ppjanata*

Il-kumpaniji kollha għandu jkollhom ordnijiet regolari speċifiċi, b'sistema ta' manutenzjoni ppjanata, għaż-żoni kollha relatati mas-sikurezza inklużi bibien tal-pruwa u tal-poppa u fetħiet mal-ġnub, flimkien mal-arranġamenti ta' għeluq tagħhom, iżda li jkopru l-manutenzjoni tal-kamra tal-magna u apparat tas-sikurezza.

Għandu jkun hemm pjanijiet għall-kontroll perjodiku tal-oġġetti kollha sabiex l-istandards tas-sikurezza jinżammu fl-iktar livell għoli. Għandu jkun hemm proċeduri għall-irrekordjar ta' nuqqasijiet u sabiex jiġi kkonfermat li dawn ikunu ġew rettifikati sew sabiex il-kaptan u l-persuna nnominata fuq ix-xatt fl-istruttura ta' tmexxija tal-kumpanija jkunu jafu bin-nuqqasijiet u li jiġu nnotifikati meta dawn jiġu rettifikati fi żmien speċifikat. Kontroll perjodiku tat-tħaddim tal-arranġamenti dwar l-għeluq tal-bieb ta' barra u ta' ġewwa tal-pruwa għandhom jinkludu l-indikaturi, l-apparat ta' kontroll u kull toqba fl-ispazji bejn il-viżiera tal-pruwa u l-bieb ta' ġewwa u speċjalment il-mekkaniżmi ta' għeluq u s-sistemi idrawliċi relattivi tagħhom.

21. *Meta jsir vjaġġ*

Meta jsir vjaġġ għandha tittieħed l-opportunità sabiex jiġi kontrollat jekk hemmx iffullar, inkluż id-disponibbiltà ta' siġġijiet u jekk il-passaġġi, it-turġien u l-ħruġ ta' emerġenza humiex imblukkati b'bagalji jew b'passiġġieri li ma jistgħux isibu fejn ipoġġu bilqiegħda. Għandu jiġi kkontrollat ukoll li ma jkunx hemm passiġġieri fuq il-gverta tal-vetturi qabel ma jitlaq il-vapur u li lanqas ma jkollhom aċċess ħlief immedjatament qabel ma jidħol fil-baċir.

*Anness 4*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| **Id-Direttiva 1999/35/KE** | **Direttiva Ġdida** |
|---|---|
| Artikolu 1 | -- |
| Artikolu 2(a), (b), (d), (e), (f), (g), (h), (j), (m), (n), (o), (r) | Artikolu 2(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11) |
| Artikolu 2(c), (i), (k), (l), (p), (q), (s) | -- |
| Artikolu 3 | Artikolu 1 |
| Artikolu 4 | -- |
| Artikolu 5(1)(a) | Artikolu 3 |
| Artikolu 5(1)(b), (2) | -- |
| Artikolu 6 | Artikolu 3 |
| Artikolu 7 | Artikolu 4 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 5(1) |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 9 | Artikolu 6 |
| Artikolu 10(1)(a), (b), (c), | Artikolu 7 |
| Artikolu 10(1)(d) | -- |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 7 |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 8 |
| Artikolu 10(4) | -- |
| Artikolu 11(1), (2), (3), (4), (5), (7), (8) | -- |
| Artikolu 11(6) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 13(1), (2),(4), (5) | -- |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 6(2) u Artikolu 10 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 14 | -- |
| Artikolu 15 | -- |
| Artikolu 16 | -- |
| Artikolu 17 | Artikolu 12 |
| Artikolu 18 | Artikolu 11 |
| Artikolu 19 | Artikolu 17 |
| Artikolu 20 | Artikolu 16 |
| Artikolu 21 | Artikolu 18 |
| Artikolu 22 | Artikolu 19 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | -- |
| Anness III | Anness II |
| Anness IV | Anness III |
| Anness V | -- |